# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tal-51 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 26 ta' Jannar 2023 fl-5:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**51.01 Talba**

51.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**51.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

51.02.01 Is-D.S.E. nforma li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

**51.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 50**

51.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 50 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Decelis ippropona u l-Kunsillier Dingli issekonda.

**51.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

51.04.01 Is-Sindku nfurmat li l-bankijiet fi Ġnien Misraħ Missjoni kienu tlestew u kien beda x-xogħol fuq id-dawl fejn id-*distribution box* ser titmexxa wkoll. Hi qalet li kien hemm *cable* li kien tas-Soċjetà Santa Marija li kellu jitneħħa filwaqt li l-*hedges* kienu nżabru w l-arbli kienu qed jinżebgħu ukoll.

51.04.02 Is-Sindku nfurmat li l-*culvert* li kien hemm bżonn li jsir fi Triq Mikielang Sapiano kien sar mill-PWD.

51.04.03 Is-Sindku nfurmat li oriġinarjament il-kuntrattur kien ingħata ċans sal-15 ta' Jannar sabiex jirranġa l-*issues* li kien hemm fil-Pjazza però kien ġie deċiż li dawn isiru meta jitlestew ix-xogħlijiet fi Triq tas-Sejba peress li ser ikun hemm il-bżonn li l-Pjazza tingħalaq għal xi jiem. Sadanittant, hija qalet li x-xogħlijiet li kien hemm bżonn li jsiru fi Triq San Bażilju kienu tlestew u s-sid tal-istabbiliment Dos Avos kien kuntent bix-xogħlijiet.

51.04.04 Is-Sindku nfurmat lit-talba tagħna għal *Zebra Crossing* fi Triq tas-Sejba ma kienitx ġiet aċċettata minn TM u għalhekk konna ser jitolbuhom sabiex jindikawlna fejn l-aħjar li ssir.

51.04.05 Is-Sindku nfurmat li s-sit tas-*Sleeping Policeman* fi Triq il-Barrieri ma kienitx ġiet aċċettata minn TM u għalhekk konna ser niktbu lura sabiex ninfurmawhom li l-post indikat minnha kien sar bi qbil mar-resident li ser ikun l-aktar affettwata biha.

51.04.06 Is-Sindku semmiet id-diversi problemi li konna qed niffaċċjaw sabiex isiru tiswijiet ta' bozoz maqtugħa mill-Enemalta. Hija qalet li Kunsilli oħra fir-Reġjun kellhom l-istess *issues* u li għal dan il-għan kellha ssir *laqgha*.

51.04.07 Is-Sindku nfurmat li permezz tar-Reġjun Punent kien sar kuntatt mal-ERA rigward il-muntanja ta' materjal li hemm fid-daħla tar-raħal. Hija qalet li diġà kien hemm każijiet miftuħa mal-ERA u l-PA però sfortunatament l-*Enforcement* mhux f'idejna.

51.04.08 Is-Sindku nfurmat li kienu avviċinawna żewġ studenti sabiex jagħmlu xi siegħat jgħinu fil-Kunsill bħala parti mill-istudji tagħhom. Dawn it-talbiet ġew approvati.

51.04.09 Is-Sindku nfurmat li kienet irċeviet ilmenti dwar xi toqob li hemm quddiem il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ VI però x'ħin dak il-ħin stess ikkuntattjat lill-Asst. Segretarju tas-Soċjetà, dan informaha li dawn kienu temporanji.

51.04.10 Is-Sindku nfurmat li kienet irċeviet xi lmenti dwar parkeġġ madwar il-Ġnien Ġublew tad-Djamanti. Hija qalet li din it-talba kienet ser tiġi riferuta lil TM sabiex ikun hemm parkeġġ adekwat għar-residenti. Waqt diskussjoni dwar l-iżvilupp fil-Ġnien, kien hemm qbil li l-*Pump Room* ghandha titbaxxa b'filata u idejalment tinkesa permezz ta' qoxra tal-ġebla Maltija.

51.04.11 Rigward l-iżvilupp fi Ġnien Onġi Onġella, s-Sindku nfurmat li konna għadna qed nistennew xi dokumentazzjoni mingħand id-Dipt tal-Artijiet.

51.04.12 Is-Sindku nfurmat li kienet saret applikazzjoni mal-GAL Xlokk sabiex issir *Heritage Trail* mar-rahal.

51.04.13 Is-Sindku spjegat li wara li kienet baqgħet issegwi ċ-ċaqlieq ta' bozza fi Triq Mikielang Sapiano, irriżulta li l-Enemalta kienu talbu l-parir tagħna però bi żvista l-*email* kienet inqabżet. Id-DSE ikkonferma li l-*email* mill-Enemalta kienet verament intbgħatet iżda bi żvista ma kienx raha u għalhekk ma kienx wieġeb lill-Enemalta.

51.04.14 Is-Sindku tat spjegazzjoni dettaljata dwar id-diversi żviluppi li kien hemm dwar ix-xogħlijiet fi Triq tas-Sejba u li l-Kunsillieri kienu jafu bihom permezz tad-diversi *emails* li kienu ntbgħatu bejn il-laqgħat dwar is-suġġett.

51.04.15 Is-Sindku nfurmat li flimkien mad-DSE u l-Asst. Uffiċjal Prinċipali kienet attendiet laqgħa ma IM dwar ix-xogħlijiet fit-toroq :

- Triq Baskal Xuereb għal IM kienet fi stat tajjeb u għalhekk qatt ma kienet fil-pjan li din issir.
- Xogħlijiet fi Triq A. Caruana u Triq tal-Franka bħalissa jinsabu sospiżi peress li trid issir l-espropjazzjoni tal-art.
- Triq Xagħri l-Imqalleb IM tista' biss tagħti konkos safejn tippermetti l-ERA.
- Bankina fi Triq Karmenu Ciantar konna rġajna bgħatna kopji tal-*email* oriġinali u IM qed jaraw fuqha.
- Triq il-Madonna tal-Ġilju mhux ser issir għalissa għax tinvolvi diskussjoni sħiħa mar-residenti fejn hemm minnhom li jridu jagħmlu alterazzjonijiet fil-garaxxijiet tagħhom.
- Triq in-Nazzarenu u Triq il-Katakombi ser isiru din is-sena fi Q4 u Q3 rispettivament.

Hija semmiet ukoll is-*surveys* li konna rċivejna mingħand l-*iStorm Water Section* fi ħdan il-PWD dwar diversi toroq li fihom joqgħod l-ilma u l-interventi li hemm bżonn isiru fihom. Rigward il-korrispondenza mingħand is-Soċjetà tal-Ġilju, intqal li filwaqt li x-xogħlijiet fuq il-bankina żgur mhux ser isiru waqt il-festi, rigward it-Triq tas-Sejba sa llum għadna ma nafux meta ser jintemm ix-xogħol u li għalhekk l-aħjar li jitkellmu direttament magħhom. Fir-rigward tal-ilma li qed joqgħod fi Sqaq Nru 3 fi Triq il-Parroċċa kif ukoll fi Triq il-Mitħna hemm il-bżonn li jsir *resurfacing*. Rigward Sqaq Nru 2 fi Triq il-Lanġasa, s-Sindku qalet li IM lesti li jippreparaw is-sodda u l-Kunsill jieħu ħsieb il-wiċċ bil-materjal li jagħżel hu. Rigward l-ilma li jżomm fi Triq Santa Katerina, hija qalet li hemm bżonn li jsir *culvert* u li dan forsi jsir mill-PWD.

51.04.16 Rigward il-laqgħa li kellna ma residenti minn Triq Valletta s-Sindku ssuġġeriet li ssir tabella li tindika l-massimu tal-għoli li vettura tista' tkun biex tgħaddi minn hemm. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

51.04.17 Is-Sindku nfurmat li fit-12 ta' Frar kien ser isir *Afternoon Tea* filwaqt li fit-18 ta' Frar kien ser isir *Party* tal-Karnival għat-tfal biż-żewġ attivitajiet isiru fl-iskola.

## 51.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

51.05.01 Il-Viċi Sindku ikkummenta dwar *culvert* li jcekċek viċin il-Ġnien tal-Ġilju u s-Sindku nfurmat li dwar dan konna diġà tkellimna mal-Perit Vassallo ta' IM.

51.05.02 Il-Viċi Sindku ikkummenta li l-Ħajt tal-Matla kien għadu ma tlestiex u li t-*tarmac* li kien hemm nieqes kien ta' periklu għar-residenti. Is-Sindku nfurmat li konna ser nkomplu nagħmlu pressjoni fuq IM.

51.05.03 Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienx hemm bżonn li jinxtraw xi għodod għal ħaddiema tal-Kunsill sabiex dawn jinxtraw u s-Sindku u d-DSE infurmaw li kull talba li saret mill-ħaddiema għal xi għodda, din dejjem inxtrat. Ġie deċiż li għandna nesploraw

il-possibilità li nikru (*leasing*) van għall-ħaddiema sabiex ikunu jistgħu imorru minn post għall-ieħor bl-għodda.

51.05.04 Il-Viċi Sindku kkummenta dwar *Personalised Parking Bay* fi Triq Mikelanġ Sapiano li jidher li għal min hija qiegħed residenti f'dar tal-anzjani. Id-DSE informa li jrid isir rapport mir-residenti lis-CRPD sabiex dan il-parkeġġ jitneħħa.

51.05.05 Il-Kunsillier Dingli staqsa fiex kienu waslu l-*istickers* għal mal-*iBins* u l-mirja għal Triq il-Familja Brancati. Id-DSE informa li dwar l-*istickers* konna qed nistennew il-*quotes* filwaqt li l-mirja jridu jiġu ordnati.

51.05.06 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk konniex ktibna lil IM dwar l-ilma li qed jidħol fil-*basement* tal-Maypole u d-DSE irrisponda fin-negattiv.

51.05.07 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar il-*Communal Rserved Parking Bay* fi Triq is-Saljatura u kien hemm qbil li ssir talba lil-TM.

51.05.08 Il-Kunsillier Dingli staqsa għaliex kienu saru *Double Yellow Lines* fil-parti t-isfel ta' Triq il-Familja Brancati. Id-DSE informa li ridna niċċekkjaw ma' IM peress li dawn saru minnhom meta saret it-triq.

51.05.09 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-*Parking Bays* fis-*service roads* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u ġie deċiż li tinħareġ *Direct Order* sabiex dawn isiru.

51.05.10 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jsir tindif ġenerali fl-akkwati tal-Ġibjun u s-Sindku nfurmat li dan għandu jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

51.05.11 Il-Kunsillier Decelis staqsa jekk konniex ktibna lil MPT sabiex tal-linja jitfu l-magna meta jkunu qed jistennew fuq il-venda fi Triq Karmenu Ciantar. Id-DSE wieġeb fin-negattiv peress li kienet ser issir laqgħa mal-MPT/TM dwar diversi suġġetti. Il-Kunsillier Sciberras informa li kellu nformazzjoni lil-MPT kienet ħarġet *memo* lix-xufiera sabiex meta jkunu fuq il-venda, jitfu l-magni.

51.05.12 Il-Kunsillier Decelis staqsa dwar is-*Sleeping Policeman* fi Triq Ħal Kirkop u d-DSE informa li konna għadna rridu ninfurmaw lir-residenti permezz ta' ittra.

51.05.13 Il-Kunsillier Decelis ikkummenta dwar it-talba sabiex il-venda tal-linja ma tibqax fi Triq Karmenu Ciantar u s-Sindku wieġbet li din it-talba kienet saret diversi drabi mingħajr suċċess. Kien hemm qbil li nerġgħu niktbu.

51.05.14 Il-Kunsillier Decelis staqsa dwar is-suġġeriment li kien għamel dwar bank tal-ġebel biswit il-Kappella ta' Santa Katerina u d-DSE informa li kien ser ikellem lil Perit li kienet responsabbli mir-restawr dwar jekk dan setgħax isir.

**51.06** **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

51.06.01 Korrispondenza mingħand TM fejn inħareġ permess sabiex issir trinka għall-kumpanija Epic minn Triq Ħal-Farrug saż-Żurrieq. Wara diskussjoni ġie approvat li l-Kunsill japprova dan ix-xogħol bil-kundizzjoni li l-Kuntrattur iżomm mat-*timeframes* li ddiskuta mad-DSE.

51.06.02 Korrispondenza mingħand is-Sinjura Lydia Abela bħala ringrazzjament għall-involviment tal-Kunsilli fil-kampanja Rigal b'Imħabba 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

***Peress li kienu għaddew 3 siegħat mill-bidu tas-Seduta, d-DSE staqsa lill-membri jekk kienx hemm qbil li l-laqgħa tkompli u dwar dan kien hemm qbil unanimu.***

51.06.03 Korrispondenza mid-DLG dwar Programm edukattiv *online* imsejjaħ iSupport għad-Dimensja. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

51.06.04 Ċirkulari CIR AKL 2023/008 dwar *International Epilepsy Day February 13, 2023*. Kien hemm qbil li l-Kunsill idawwal il-faċċata tal-uffiċini tiegħu bid-dawl vjola bejn il-11 u t-13 ta' Frar.

51.06.05 Ċirkulari AKL 2023/006 dwar *Mental Health First Aid Course* 01/02 - 03/02/2023. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

51.06.06 Ċirkulari AKL 2023/007 dwar Laqgħat għall-VOs fil-Lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

51.06.07 Korrispondenza mingħand is-Supretendent J. Mifsud fejn infurmana li b'effett mid-9 ta' Jannar ma kienx ser jibqa' iktar inkarigat mid-distrett u li minfloku kien ser ikun hemm si-Supretendent S. Zammit. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

51.06.08 Suġġeriment mingħand residenta sabiex jitbaxxa *Sleeping Policeman* li hemm fi Triq tal-Mentna peress li huwa għoli wisq. Ġie deċiż li għandna niċċekkjaw dwar dan is-*Sleeping Policeman* qabel tittieħed deċiżjoni peress li din qiegħda hekk biex iżżomm l-ilma.

51.06.09 Talba minn resident sabiex isiru *Double Yellow Lines* quddiem il-garaxx tiegħu fi Triq tat-Torba peress li ma jistax joħroġ. Ġie innutat li *Double Yellow Lines* quddiem garaxxijiet ma jsirux imma jistgħu isiru mustaċċi ma' kull naħa tal-garaxx sabiex ikun jista' joħroġ bla problemi.

51.06.10 Talba minn residenta fi Triq in-Nazzarenu sabiex bozza li preżentement qiegħda mwaħħla ma arblu tinqala u teħel ma propjetà tagħha u sabiex l-imsemmi arblu jinqala. Ġie deċiż li jekk l-arblu jkun jista' jitneħħa jekk il-bozza ma tibqax imwaħħla miegħu, ix-xogħol għandu jsir.

**50.07 Ilmenti u Suġġerimenti**

51.07.01 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li ssir *expropriation* fi Triq Ganni Darmanin sabiex tkun tista' titwessa t-triq. Is-Sindku nfurmat li qed tiċċekkja dwar min irid jagħmel l-*expropriation*.

51.07.02 Il-Kunsillier Sciberras informa li kien irċieva talba sabiex jerġa jsir is-*Single Yellow Line* quddiem viċin propjetà fi Triq il-Parroċċa peress li meta qed jipparkjaw vetturi li qed jagħlqu l-aċċess għall-*Keep Clear*. Ġie deċiż li għandna nkellmu lir-resident li kien talab sabiex jitneħħa l-*Yellow Line* sabiex nippruvaw nifhmu għaliex kienet saret it-talba.

51.07.03 Il-Kunsillier Sciberras ressaq talba isir restawrar ta' niċċa fi Triq il-Parroċċa. Is-Sindku nfurmat li kienet diġà tkellmet ma min kien għamel din it-talba u infurmata li meta jkun hemm skema għal restawr ta' niċeċ, din tkun inkluża.

51.07.04 Il-Kunsillier Sciberras ressaq talba sabiex fi Triq id-Duluri quddiem ir-*Reserved Parking* issir *Parking Bay* oħra għall-muturi. Ġie deċiż li naraw jekk hux possibbli li din it-talba tiġi milqugħa.

51.07.05 Il-Kunsillier Sciberras informa li kien irċieva lment dwar ilma li qed joqgħod fi Triq id-Duluri faċċata tar-*Reserved Parking Bay*. Ġie deċiż li naraw x'jista' jsir sabiex tissolva l-problema.

51.07.06 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li bħal ma kien isir waqt il-proġett tal-Pjazza, jibdew isiru *Weekly Meetings* dwar ix-xogħlijiet fi Triq il-Sejba. Kien hemm qbil li din it-talba tiġi riferuta lil IM.

51.07.07 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li l-Kunsill jirreklama iżjed il-fatt illi ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill hemm it-*trolley* tal-WEEE. San is-suġġeriment ser jiġi attwat.

51.07.08 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li l-*area* quddiem iċ-ċimiterju fejn hemm l-*iBins* jitranġala l-wiċċ. Is-Sindku infurmat li għalissa dan żgur mhux possibbli peress li ghat-3 snin li ġejjin diġà infurmajna lil-IM it-toroq li hemm bżonn li jsiru.

51.07.09 Il-Kunsillier Decelis informa li kien qed jirċievi diversi lmenti dwar il-fatt li biex wiehed jinqeda minn Ghassa tal-Pulziija jrid imur iz-Zejtun u staqsa hux possibbli li nergghu niġu maghmlu maz-Zurrieq. Is-Sindlku wuegbed li dwar dan il-kaz hemm diversi korrispondenza però finalment id-decizjoni finali hija tal-Pulizija.

51.07.10 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li ssir attività għat-tfal ġewwa l-Aquarium Nazzjonali t-Tnejn 10 ta' April. Is-Sindku talbet sabiex tinstab data oħra peress li se tkun imsiefra u tixtieq li tkun preżenti f'attivitajiet organizzati mill-Kunsill. Kien hemm diskussjoni dwar ġranet oħra iżda fix-xahar t'April il-Kunsillier Decelis għandu xi safar ukoll u allura ma nstabitx ġurnata li hija konvenjenti. Ġie deċiż illi din l-attività ssir aktar il-quddiem.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council


**51.08** ***Performance Appraisal* tal-Impjegati (amministrazzjoni)**

51.08.01 Is-Sindku ssuġġeriet li l-Assistent Uffiċċjal Prinċipali u l-iskrivana jingħataw il-massimu tal-*Bonus* jiġifieri 6%. Dan ġie approvat unanimament.

51.08.02 Is-Sindku ssuġġeriet li d-DSE jingħata l-massimu tal-*Bonus* jiġifieri 10%. Dan ġie approvat unanimament.

**51.09** **Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2023 (*Draft*)**

51.09.01 Peress li kopja ta' dawn l-estimi kienu ntbgħatu lill-Kunsilli iktar kmieni, dawn ġew meqjusa bħala moqrija. Wara spjega mid-DSE dawn ġew approvati fil-verżjoni *Draft*. Ladarba nkunu nafu d-dettalji tal-ispejjeż involuti rigward il-kuntratt tal-Ġbir tal-Iskart, tiġi ppreżentata l-verżjoni finali għall-approvazzjoni.

**51.10** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/50**

51.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/51 ġiet approvata unanimament minbarra l-kont minghand OPAL ghat-tiswija tal-bandla fi Gnien Tfal ir-Rahal.

51.10.02 Il-lista tal-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Diċembru 2022 ġiet approvata unanimament.

**51.11** **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

51.11.01 Il-laqgħa ntemmet fl-9:55 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 23 ta' Frar fil-5:30 pm

Konfermati illum il-Ħamis 23 ta' Frar 2023.

| | |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Deputat Segretarju Eżekuttiv** |